



## Ġabra tal-ġurisprudenza

### Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-10 ta' Marzu 2016 – Il-Kummissjoni vs Spanja

(Kawża C-38/15)<sup>1</sup>

“Nuqqas ta’ Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 91/271/KEE — Trattament tal-ilma urban mormi — Sistemi ta’ ġbir u ta’ trattament — Rimi f’żoni sensittivi — Metodu ta’ sorveljanza — Ġbir ta’ kampjuni”

1. *Ambjent — Trattament tal-ilma urban mormi — Direttiva 91/271 — Implementazzjoni mill-Istati Membri — Obbligu ta’ riżultat — Nuqqas ta’ eżekuzzjoni ta’ dan l-obbligu — Nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu (Artikolu 258 TFUE; Direttiva tal-Kunsill 91/271, Artikoli 4 u 5(2) u (3), u AnnessI, punt B) (ara l-punti 23-25, 62 u d-dispożittiv 1)*
2. *Rikors għal nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu — Prova tan-nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu — Oneru li jaqa’ fuq il-Kummissjoni — Produzzjoni ta’ elementi li juru n-nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu — Konfutazzjoni li għandha ssir mill-Istat Membru inkwistjoni (Artikolu 258 TFUE; Direttiva tal-Kunsill 91/271) (ara l-punti 27, 28)*
3. *Rikors għal nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu — Eżami tal-fondatezza mill-Qorti tal-Ġustizzja — Ammissjoni ta’ nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu mill-Istat Membru kkonċernat — Assenza ta’ effett (Artikolu 258 TFUE) (ara l-punt 29)*
4. *Rikors għal nuqqas ta’ twettiq ta’ obbligu — Eżami tal-fondatezza mill-Qorti tal-Ġustizzja — Sitwazzjoni li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni — Sitwazzjoni fl-iskadenza tat-terminu stabbilit mill-opinjoni motivata (Artikolu 258 TFUE) (ara l-punt 30)*

### Dispożittiv

- 1) Billi ma żgurax it-trattament xieraq tal-ilma urban mormi kollu li jintrema f’żoni sensittivi u li jorigha minn ċerti agglomerazzjonijiet, ir-Renju ta’ Spanja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu, minn naħħa, taħt l-Artikolu 4 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/271/KEE, tal-21 ta’ Mejju 1991, dwar it-trattament tal-ilma urban mormi, kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1137/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta’ Ottubru 2008, f'dak li jirrigwarda l-agglomerazzjoni Pontevedra-Marín-Poio-Bueu, u, min-naħħa l-oħra, taħt l-Artikolu 5(2) u (3) tal-imsemmija direttiva, f'dak li jirrigwarda l-agglomerazzjonijiet ta’ Berġa, ta’ Figueres, ta’ El Terri (Banyoles) u ta’ Pontevedra-Marín-Poio-Bueu.

<sup>1</sup> — ĠU C 127, 20.4.2015.

- 2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Il-Kummissjoni Ewropea u r-Renju ta' Spanja għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.